

6. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajnuna illegali — Għajnuna mogħtija bi ksur tar-regoli tal-proċedura tal-Artikolu 88(3) KE — Aspettattivi leġittimi eventwali fil-kap tal-benefiċjarji — Ċertezza legali — Protezzjoni — Kundizzjonijiet u limiti (Artikolu 88(3) KE) (ara l-punti 124-126)*

Suġġett

Talba għall-annullament tal-aħħar parti tal-Artikolu 1, kif ukoll tal-Artikoli 2, 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/442/KE, tal-11 ta' Diċembru 2002, dwar il-parti tal-iskema li tadatta s-sistema fiskali nazzjonali għall-karatteristiċi speċifiċi tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores li tikkonċerna l-parti dwar it-tnaqqis tar-rati tat-taxxa fuq id-dħul (ĠU 2003, L 150, p. 52).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Banco Comercial dos Açores, SA għandha tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.
- 3) Banco Espírito Santo dos Açores, SA għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) tal-
14 ta' Settembru 2009 — Lange Uhren vs UASI
(Arranġamenti ġeometriċi fuq il-wiċċ ta' arloġġ tal-idejn)**

(Kawża T-152/07)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva — Arranġamenti ġeometriċi fuq il-wiċċ ta' arloġġ tal-idejn — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Nuqqas ta' karattru distintiv

miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7 (3) tar-Regolament Nru 207/2009]”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li mhumiex ta' karattru distintiv — Eċċezzjoni — Kisba tal-karattru distintiv permezz tal-użu (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b) u (3)) (ara l-punti 77, 82, 87-92, 130-136, 142, 143)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-15 ta' Frar 2007 (Każ R 1176/2005-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala trade mark Komunitarja ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta arranġamenti ġeometriċi fuq il-wiċċ ta' arloġġ tal-idejn.

Informazzjoni dwar il-kawża

| | |
|--|--|
| Applikant għat-trade mark Komunitarja: | Lange Uhren GmbH |
| Trade mark Komunitarja kkonċernata: | Trade mark figurattiva li tirrappreżenta arranġamenti ġeometriċi fuq il-wiċċ ta' arloġġ tal-idejn, għal prodotti fil-klassi 14 — Applikazzjoni Nru 2542694 |
| Deċiżjoni tal-eżaminatur: | Reġistrazzjoni rrifjutata |
| Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: | Appell miċħud |

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Lange Uhren GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.